MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2008

Numru 233/2008

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR MAURICE CURMI)**

**VS**

**OLIAN CHIKH ALI**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Olian Chikh Ali ta’ 34 sena bin il-mejjet Cheban u Farah nee’ Hawwad imwieled is-Sirja fl-1 ta’ April 1973, u residenti 45, Triq id-Duluri, Hamrun u detentur ta’ passaport Sirjan numru 002620675 u gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-21 ta’ Marzu 2008 fl-ajruport internazzjonali ta’ Malta, waqt li kien ser jitlaq fuq titjira EK 108, xjentement naqas li jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef Ewro (€10,000) lill-Kontrollur tad-Dwana, ai termini ta’ A.L. 149 ta’ l-2007 dwar il-Kontroll ta’ Flus;

Din l-Onorabbli Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din l-Onorabbli Qorti kienet mitluba ukoll sabiex f’ kaz ta’ htija, barra milli tinfliggi l-piena skond il-Ligi tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jeccedi l-€10,000.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Marzu 2008 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 2008 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Art 3 tal-Avviz Legali 149/2007 tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu amessa u tikkundannah multa ta’ tmien mija tnejn u disghin Ewro (€892).

Il-Qorti in oltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tas-somma ta’ tlett elef hames mija u sebghajn Ewro ( €3570) mill-ammont ta’ tlettax-il elf u hames mija u sebghajn Ewro (€13570) li gew esebiti llum kif ukoll tas-somma ta’ £450 dollari Amerikani.

Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 392 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna illi l-atti flimkien ma kopja ta’ din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------